IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.4.2005
KUMM(2005) 134 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

# Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp

It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju

**{SEK(2005) 455}**

MT MT

# WERREJ


1. Il-Koerenza tal-politika għall-iżvilupp ... 3
2. L-impenni għal-koerenza ... 4
3. Il-bdil ta' l-impenni tal-politika ta' l-UE f'azzjoni ... 6
3.1. Il-Kummerċ ... 6
3.1.1. L-Aġenda għall-Iżvilupp ta' Doha (DDA) ... 6
3.1.2. Miżuri bilaterali u unilaterali ... 7
3.2. L-Ambjent ... 8
3.2.1 Konsum u produzzjoni sostenibbli ... 8
3.2.2. Il-Ftehim Multilaterali dwar l-Ambjent (MEAs) ... 9
3.2.3. L-Inizjattivi ta' l-UE għal Żvilupp Sostenibbli ... 9
3.3. Is-Sigurtà ... 9
3.3.1. L-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea ... 9
3.3.2. Il-Kontroll, il-fraġilità ta' l-istat, il-prevenzjoni ta' kunflitt ... 10
3.4. L-Agrikoltura ... 11
3.4.1. Il-Politika Agrikola Komuni ... 11
3.4.2. L-Għajnuna għall-Ikel ... 12
3.4.3. Miżuri sanitarji u fitosanitarji ... 12
3.5. Is-Sajd ... 13
3.6. Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, il-promozzjoni tax-xogħol u x-xogħol deċenti ... 13
3.7. It-tluq minn post għall-ieħor ... 15
3.8. Ir-riċerka u l-innovazzjoni ... 15
3.9. Is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni ... 16
3.10. It-Trasport ... 17
3.11. L-Enerġija ... 17
4. L-Implimentazzjoni u s-sorveljanza ... 18

Anness 1 - Akronimi ... 20

## 1. IL-KOERENZA TAL-POLITIKA GĦALL-IŻVILUPP

Il-kooperazzjoni għal żvilupp aħjar, inkluż l-għoti ta' aktar finanzi u għajnuna mtejba, hija importanti ħafna, iżda fiha nfisha mhix biżżejjed biex sas-sena 2015 id-dinja li qed tiżviluppa tkun tista' tilħaq l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs). B'mod ġenerali, huwa magħruf li t-titjib effettiv fil-koerenza tal-politika tal-pajjiżi żviluppati[1] jista' jpoġġi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'sitwazzjoni aħjar biex jinkisbu l-MDGs.

F'dan l-isfond, il-Kunsill iddeċieda li l-istruttura komuni tar-rapporti nazzjonali tal-MDG u r-rapport ta' sinteżi ta' l-UE għandu jkollhom taqsima separata fuq **il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp**[2]. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004[3] saħqu li l-UE 'se tappoġġja bis-sħiħ it-tentattivi tan-NU biex jitħaffef il-progress ħalli jinkisbu l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju. B'referenza għal din ir-rabta, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2004[4] laqgħu l-offerta tal-Kummissjoni biex "tħejji proposti speċifiċi u ambizzjużi għall-azzjoni li għandha tittieħed sal-2015 fl-oqsma ta' l-iffinanzjar għall-iżvilupp, fil-koerenza tal-politika għall-iżvilupp u fl-attenzjoni ffukkata fuq l-Afrika".

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-proposti tal-Kummissjoni fuq it-tema tal-koerenza tal-politika. Iż-żewġ elementi l-oħra msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill (l-iffinanzjar għall-iżvilupp u l-attenzjoni fuq l-Afrika) huma diskussi f'Komunikazzjonijiet separati[5]. Flimkien, dawn jipprovdu pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni għall-kontribuzzjoni ta' l-UE għar-Reviżjoni tal-MDG waqt il-Laqgħa ta' Livell Għoli tan-NU li se ssir f'Settembru ta' l-2005.

L-impenn ta' l-UE għall-koerenza tal-politika mhix biss rabta politika ewlenija fil-kuntest tal-MDGs. Din għandha wkoll **bażi legali** soda fit-Trattat tal-KE (art. 178). Il-Kostituzzjoni l-ġdida ta' l-UE[6] żammet dan l-impenn ta' koerenza f'termini aktar b'saħħithom (art.III – 292, art. III – 316).

Fil-kuntest wiesa' tal-politika ta' l-UE, li jkun hemm koerenza huwa impenn multidimensjonali li jeħtieġ li jseħħ fi ħdan il-qafas ġenerali ta' l-istrateġija ta' żvilupp sostenibbli ta' l-UE. Il-politika li mhiex relatata ma' l-iżvilupp għandha tirrispetta l-objettivi tal-politika ta' l-iżvilupp u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha, fejn ikun possibbli, tgħin ukoll biex jintlaħqu għanijiet oħra tal-politika ta' l-UE. B'mod ġenerali – u inkluż fil-kuntest tar-reviżjoni li ġejja dwar il-politika ta' l-iżvilupp – din id-definizzjoni wiesa' għandha tapplika. Madankollu, fil-qafas speċifiku ta' din il-Komunikazzjoni, qed jiġi adottat mod kif wieħed iħares li huwa aktar immirat. Meta jiġu esplorati l-modi ta' kif jitħaffef il-progress

---

1 L-OECD ipproponiet li tiddefinixxi l-kunċett ta' koerenza tal-politika għall-iżvilupp (PCD) kif ġej: 'Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp tfisser li taħdem biex ikunu assigurati li l-għanijiet u r-riżultati tal-politika ta' żvilupp ta' gvern partikolari ma jkunux mhedda minn politika oħra ta' dak l-istess gvern b'tali mod li din tħalli effett fuq dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li fejn ikun possibbli din il-politika l-oħra għandha tappoġġja tabilħaqq l-għanijiet ta' l-iżvilupp.

2 L-istruttura komuni għar-rapportar ta' l-eżerċizzju ta' l-inventarju ta' l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju ta' l-2005 (MDGs), approvat f'Ġunju 2004.

3 Il-Kunsill Ewropew ikkonferma wkoll li 'L-Unjoni għandha tkompli ssaħħaħ ir-rwol tat-tmexxija tagħha fil-ġlieda kontra l-faqar', il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Ġunju 2004.

4 Il-Konklużjonijiet tal-GAERC, Novembru 2004.

5 'Li jitħaffef il-progress biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju – il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea', COM(2005) 132, u 'L-Iffinanzjar għall-Iżvilupp u l-Effikaċja ta' l-Għajnuna', COM(2005) 133

6 It-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni għall-Ewropa ġie ffirmat f'Ruma nhar id-29 ta' Ottubru 2004 u għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2006, jekk l-Istati Membri kollha jirratifikawh.

biex jinkisbu l-MDGs, l-UE hija marbuta li tħares lil hinn mill-fruntieri tal-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp, u tqis l-isfida ta' kif il-**politika li mhix relatata ma' l-għajnuna tkun tista' tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiksbu l-MDGs.**

L-impatt tal-politika ta' l-UE li mhix relatata ma' l-għajnuna fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw m'għandux jingħata inqas attenzjoni. Il-potenzjal ta' din biex ikun hemm kontribuzzjoni pożittiva għall-proċess ta' l-iżvilupp f'dawn il-pajjiżi wkoll huwa importanti. Il-politika ta' l-UE f'oqsma bħalma huma l-kummerċ, l-agrikoltura, is-sajd, is-sigurtà ta' l-ikel, it-trasport u l-enerġija, għandha effett dirett fuq il-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikun iġġenerat it-tkabbir ekonomiku lokali, li huwa l-bażi ta' kwalunkwe progress appoġġjat lejn l-MDGs. Il-politika ta' l-UE dwar it-tluq minn post għall-ieħor, permezz ta' l-impatt tagħha fuq l-andament tal-flus mibgħuta ta' dawk li jiċċaqalqu minn post għall-ieħor, għandha influwenza fuq il-bilanċ tal-pożizzjoni tal-pagamenti ta' diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-politika ta' l-UE dwar l-ambjent mhux biss tolqot direttament il-progress globali biex tkun assigurata sostenibbiltà ambjentali (MDG7), iżda għandha konsegwenzi prattikament għall-MDGs l-oħra kollha. Dan minħabba r-rabtiet mill-qrib li jeżistu bejn l-ambjent u l-faqar, l-aċċess għal, u t-tmexxija tar-riżorsi naturali, ir-rwol tan-nisa, is-saħħa, kemm imutu tfal u l-attendenza fl-iskejjel. Il-politika ta' l-UE dwar ir-riċerka u s-soċjetà ta' l-informazzjoni għandha potenzjal kbir biex ittejjeb l-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-mod kif tħares l-UE lejn il-globalizzazzjoni u l-istati fraġli huma essenzjali biex jinħoloq kuntest politiku li jwassal biex jinkisbu l-MDGs. Sabiex ma titlifx nofs l-impatt potenzjali tagħha, din il-politika kollha ta' l-UE għandu jkollha wkoll perspettiva xierqa ta' ugwaljanza tas-sess. U din trid titpoġġa f'ambjent stabbli u b'saħħtu, għaliex ma jista' jkun hemm l-ebda żvilupp mingħajr paċi u sigurtà; u l-ebda paċi u sigurtà mingħajr żvilupp.

Bħala parti minn "pakkett ta' regolamentazzjoni aħjar" [7]komprensiv, il-Kummissjoni introduċiet fl-2002 l-għodda ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt, applikabbli għall-proposti kollha prinċipali li dwarhom ikun hemm xi ħsieb minn naħa tas-servizzi tagħha. Din tikkontribwixxi għat-titjib fil-koerenza tal-miżuri li jkunu qiegħdin jitħejjew, billi tassoċja s-servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni ma' l-analiżi, u tikkonsulta l-partijiet interessati potenzjalment effettwati fir-rigward ta' xenarji differenti għall-għanijiet ta' politika li jridu jinkisbu.

## 2. L-IMPENNI GĦAL-KOERENZA

Bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill, biex tara hemmx għażliet fil-qasam tal-koerenza tal-politika, il-Kummissjoni identifikat **oqsma ta' prijorità,** fejn l-isfida biex jinkisbu sinerġiji ma' l-għanijiet tal-politika ta' l-iżvilupp qed titqies bħala importanti ħafna. Dawn l-oqsma kollha għandhom relazzjoni diretta ma' wieħed minn dawn l-MDGs jew iktar. Dawn jew jinsabu fiċ-ċentru ta' MDG (kummerċ, ambjent) u/jew għandhom il-potenzjal biex ikunu ta' għajnuna għalihom.

Għal kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' prijorità, il-Kummissjoni ddefiniet orjentazzjonijiet ġenerali, jew **'koerenza għall-impenni ta' l-iżvilupp',** li jistgħu jgħinu biex ikun jista' jitħaffef il-progress lejn l-MDGs, sakemm ukoll – fuq il-livell ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw – jkun hemm politika xierqa, governanza xierqa u progress sodisfaċenti lejn ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. F'dawn l-oqsma kollha ta' politika, se titqies il-perspettiva ta' l-ugwaljanza tas-sessi.

---

[7] COM (2002) 278 finali/2

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew biex jikkonfermaw l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn ir-rabtiet bħala **rabta konġunta** ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikun hemm koerenza mtejba u kontribuzzjoni sostanzjali min-naħa ta' l-UE għal dawn l-MDGs.

**Il-Koerenza ta' l-UE għall-Impenni ta' l-Iżvilupp**

**Il-Kummerċ:** L-UE għandha impenn qawwi biex tassigura li jkun hemm riżultati tajbin għall-iżvilupp u sostenibbli li jkunu ġejjin mill-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha u mill-Ftehim tas-Sħubija Ekonomika bejn l-UE-ACP (EPAs). L-UE se ttejjeb ukoll is-Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi tagħha, biex l-esportazzjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw lejn l-UE jkunu jistgħu jissaħħu b'mod effettiv. L-UE se tkompli taħdem biex tintegra l-kummerċ fl-istrateġiji ta' żvilupp u se tgħin il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-twettiq tagħhom ta' riformi interni fejn jeħtieġ.

**L-Ambjent:** L-UE se tmexxi l-isforzi globali biex trażżan il-konsum mhux sostenibbli u l-modi ta' produzzjoni. L-UE se tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Multilaterali dwar l-Ambjent (MEAs), u se taħdem biex tassigura li l-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitqiesu matul in-negozjati tal-MEA. L-UE se tkompli tmexxi 'l quddiem inizjattivi u politika ambjentali favur il-fqar.

**Is-Sigurtà:** L-UE se tqis is-sigurtà u l-iżvilupp bħala aġendi komplementari, bl-għan komuni li jinħoloq ambjent b'saħħtu u li jitkisser iċ-ċirku vizzjuż tal-faqar, tal-gwerer, tat-taħsir ta' l-ambjent u ta' dawk l-istrutturi ekonomiċi, soċjali u politiċi li jfallu. L-UE se ssaħħaħ il-politika tagħha biex tappoġġja kontroll tajjeb u effettiv u biex ikunu evitati l-fraġilità ta' l-istat u l-kunflitt, billi tissaħħaħ ukoll ir-reazzjoni ta' din il-politika għal sħubiji diffiċli/stati li jfallu. L-UE se ssaħħaħ il-kontroll ta' l-esportazzjonijiet tagħha ta' l-armi, biex ikun evitat li l-armi li jinħadmu fl-UE jintużaw kontra nies ċivili jew li, inkella, imorru għall-agħar dawk it-tensjonijiet jew il-kunflitti li jkun hemm fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE se ġġib 'l quddiem il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

**L-Agrikoltura:** L-UE se tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas kemm jista' jkun il-livell ta' tagħwiġ kummerċjali marbut mal-miżuri ta' appoġġ tagħha għas-settur agrikolu, u biex tħaffef l-iżvilupp agrikolu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

**Is-Sajd:** Il-KE se tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-għanijiet ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi li magħhom il-Komunità se tidħol fi ftehim bilaterali dwar is-sajd. Fil-kuntest tal-politika l-ġdida tal-KE fuq is-sajd dwar ftehim ta' sħubija ma' pajjiżi terzi li mill-2003 'l hawn ġie implimentat, il-KE se tkompli tinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' ftehim dwar is-sajd biex dawn iwasslu għal esplojtazzjoni raġonevoli u sostenibbli tar-riżorsi żejda tal-baħar ta' l-Istati li qegħdin mal-kosta għall-ġid reċiproku taż-żewġ partijiet.

**Id-Dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, ix-xogħol u x-xogħol deċenti:** L-UE se tgħin biex tissaħħaħ id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni biex ikunu żgurati l-ogħla benefiċċji għal kulħadd, kemm irġiel u kemm nisa. L-UE se tmexxi 'l quddiem ix-xogħol u xogħol deċenti għal kulħadd bħala għan globali.

**It-tluq minn post għall-ieħor:** L-UE se tmexxi 'l quddiem is-sinerġiji bejn it-tluq minn post għall-ieħor u l-iżvilupp, biex iċ-ċaqliq ta' persuni minn post għall-ieħor ikun fattur pożittiv għall-iżvilupp.

**Ir-Riċerka u l-innovazzjoni:** L-UE se tmexxi 'l quddiem, fejn ikun xieraq, l-integrazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-iżvilupp fil-politika tagħha tar-RTD u l-Innovazzjoni, u se tkompli tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex dawn isaħħu l-kapaċitajiet lokali tagħhom f'dan il-qasam.

**Soċjetà ta' Informazzjoni:** L-UE se tindirizza l-qasma diġitali billi tesplojtja l-potenzjal tat-Teknoloġiji ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni bħala strument ta' żvilupp u bħala riżors sostanzjali biex jinkisbu l-MDGs.

**It-Trasport:** L-UE se tindirizza l-ħtiġiet speċjali kemm tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma mdawra b'pajjiżi oħra u kemm ta' dawk li qegħdin mal-kosta billi jitmexxew 'il quddiem il-punti fejn għandhom x'jaqsmu aktar minn mezz ta' trasport wieħed biex jitwettqu kemm il-konnessjoni bejn netwerk u ieħor kif ukoll il-punti ta' sigurtà u ħarsien.

**L-Enerġija:** L-UE hija marbuta b'mod sħiħ biex tgħin fil-ħtiġiet speċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi tmexxi 'l quddiem l-aċċess għal sorsi sostenibbli ta' enerġija u billi tappoġġja il-konnessjoni bejn infrastrutturi u netwerks ta' l-enerġija.

## 3. Il-bdil ta' l-impenni tal-politika ta' l-UE f'azzjoni

Sa ċertu punt, l-impenni tal-koerenza t'hawn fuq diġà jmexxu l-politika ta' l-UE. Diġà ttieħdu diversi azzjonijiet, waqt li tfasslu diversi azzjonijiet oħrajn ġodda.

Dak li jagħmel ir-*raison d'etre* għal din il-Komunikazzjoni, huwa li dawn l-impenni u l-azzjonijiet huma vvalutati fil-qafas ta' l-isforzi globali biex jinkisbu l-MDGs. Waqt li tagħraf li dawn l-għanijiet ta' politika għandhom jitqiesu bħala Koerenza għall-Impenni ta' l-Iżvilupp fil-kuntest tal-MDGs, l-UE tikkonferma mill-ġdid u ssaħħaħ ir-rabta tagħha biex twettaq b'mod effettiv dawn l-orjentazzjonijiet, fl-isfond tal-perjodu ta' żmien tal-MDG minn issa sal-2015.

Dan il-kapitolu jsemmi listi ta' azzjonijiet u kunsiderazzjonijiet ewlenin li jsaħħu l-Koerenza ta' l-UE għall-Impenni ta' l-Iżvilupp.

### 3.1. Il-Kummerċ

Il-politika tal-kummerċ hija strument b'saħħtu li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-MDG, bħalma huma t-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Din it-taqsima tħares l-aktar lejn l-impenni u l-azzjonijiet fuq livell multilaterali, bilaterali u unilaterali. Il-kwistjoni ta' l-Għajnuna Relatata mal-Kummerċ (TRA) hija koperta f'aktar dettal fil-Komunikazzjoni 'L-Iffinanzjar għall-Iżvilupp'.

#### *3.1.1. L-Aġenda għall-Iżvilupp ta' Doha (DDA)*

L-UE hija marbuta b'mod sħiħ li tassigura li mill-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha joħorġu riżultati favorevoli għall-iżvilupp u li jkunu sostenibbli.

L-UE kienet proponent kbira biex tagħmel l-iżvilupp il-punt ewlieni fis-sessjoni preżenti tan-negozjati tal-WTO. L-UE għamlet konċessjoni sostanzjali biex iġġib lura f'postha d-DDA billi tintrabat li tneħħi s-sussidji ta' l-esportazzjoni tagħha, sakemm jitneħħew kompletament il-forom kollha ta' sussidji għall-esportazzjoni.

- Ir-riżultat aħħari tad-DDA għandu jwassal għal titjib fl-aċċess għas-suq għal prodotti agrikoli u industrijali kif ukoll għas-servizzi. Dan se jwassal biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw igawdu minn diversi benefiċċji, waqt li se jinħolqu regoli multilaterali aktar b'saħħithom.

- Rabtiet u regoli ġodda għandhom jipprovdu l-flessibilità meħtieġa (Trattament Speċjali u Divrenzjali (SDT)) għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-aktar il-LDCs u l-ekonomiji żgħar u vulnerabbbli.

- Fil-qasam tat-tariffi industrijali, l-UE qed tintrabat li tneħħi kompletament iż-żjidiet fit-tariffi, it-tariffi għoljin u l-ogħla tariffi li jkun għad baqa', kif ukoll li tilliberalizza s-settur fuq il-prodotti ta' interess għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi d-dazji fuq id-drappijiet, il-ħwejjeġ u ż-żraben jiġu kemm jista' jkun qrib iż-żero.

- B'referenza għall-inizjattiva ta' l-UE 'Kollox iżda mhux Armi', l-UE se tkompli bl-isforzi tagħha biex tipperswadi lil pajjiżi żviluppati oħra biex ikomplu bl-impenni tagħhom lejn l-LDCs, li saru fil-Konferenza LDC III (Brussel 2001), li jagħtu lill-esportazzjonijiet kollha tal-LDC trattament ta' mingħajr dazju u kwoti, kif ukoll li jinkoraġġixxu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar avvanzati biex iżidu l-aċċess għas-suq fin-Nofsinhar fuq bażi multilaterali.

- L-UE tagħraf ukoll il-ħtieġa li matul in-negozjati tqis il-problemi leġittimi li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn jidħol l-aġġustament kummerċjali, inklużi dawk li jkunu ġejjin mit-tħassir tal-preferenzi. L-UE, permezz tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt Sostenibbli tagħha (SIA), se tistħarreġ l-impatt divrenzjat tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fost il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

- L-UE se taħdem biex ikun hemm riżultati pożittivi matul in-negozjati tas-servizzi (GATS) li jkunu jipprovdu opportunitajiet ġodda u li jagħmlu sens għall-aċċess fis-suq f'setturi u modi ta' provvista li jkunu importanti għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż il-GATS Mod 4 (li għandu x'jaqsam mal-provvista ta' servizz barrani permezz tal-moviment temporanju ta' persuni fiżiċi). Ir-riżultat tan-negozjati għandu jirrispetta d-dritt tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex dawn jissalvagwardjaw is-servizzi pubbliċi, u għandu jmexxi 'l quddiem l-aċċess għat-teknoloġija u l-opportunitajiet għall-investiment fis-servizzi ewlenin ta' l-infrastruttura, bħalma huma t-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, l-enerġija u servizzi marbuta ma' l-ilma, kif ukoll fis-servizzi finanzjarji.

- L-UE hija determinata li tagħti effett sħiħ lid-Dikjarazzjoni ta' Doha fuq it-TRIPS u s-Saħħa Pubblika u lid-Deċiżjoni tal-WTO tat-30 ta' Awissu 2003, u se tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi ta' implimentazzjoni bħala parti mill-istrateġija biex tħaffef l-aċċess għal mediċini li wieħed ikun jista' jixtrihom.

- L-UE hija lesta li tappoġġja l-introduzzjoni ta' sistema li tkun tobbliga lill-applikanti ta' brevetti biex jindikaw is-sors tar-riżorsi ġenetiċi u ta' l-għarfien tradizzjonali assoċjat.

- L-UE se tappoġġja wkoll it-tisħiħ tar-regoli tal-WTO, l-aktar fl-oqsma ta' l-*anti-dumping* (kontra l-bejgħ bi prezz irħas minn dak tas-suq) u tas-sussidji fuq is-sajd, li żgur huma ta' interess partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

- L-UE hija marbuta li tassigura, permezz ta' l-aġenda ta' Doha, l-iżvilupp ta' miżuri ta' tħaffif doganali u kummerċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Proċeduri eħfef jistgħu jħaffu l-esportazzjonijiet tal-pajjiż li qed jiżviluppa, iħaffu l-proċess ta' ġarr lejn pajjiżi li mhumiex imdawra bil-baħar, kif ukoll itejbu l-ġbir tad-dħul.

- L-UE hija l-mutur ewlieni fin-negozjati tal-WTO dwar il-kummerċ u l-ambjent, li *inter alia* tista' tinvolvi l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi ambjenatli u l-kjarifikazzjoni tar-regoli tal-kummerċ fejn għandu x'jaqsam l-ambjent.

### *3.1.2. Miżuri bilaterali u unilaterali*

> L-UE hija marbuta b'mod sħiħ li tassigura li mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE-ACP (EPAs) joħorġu riżultati favorevoli għall-iżvilupp u sostenibbli (kif ukoll fin-negozjati tagħha mal-Mercosur u l-Amerika Ċentrali, il-Komunità Andina u r-reġjun tal-Mediterran).
>
> L-UE se ttejjeb ukoll is-Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi tagħha, biex issaħħaħ b'mod effettiv l-esportazzjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw lejn l-UE.
>
> L-UE se tkompli taħdem biex ikun hemm integrazzjoni tal-kummerċ fl-istrateġiji ta' żvilupp u se tgħin lill-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw biex iwettqu riformi interni fejn jeħtieġ.

- L-UE se taħdem biex sal-2007 tkun ikkonkludiet n-negozjati għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) mas-sitt reġjuni kollha ta' l-ACP. Li tmexxi 'l quddiem il-kummerċ Sud-Sud, li ssaħħaħ is-swieq u l-integrazzjoni reġjonali huma l-għanijiet ewlenin ta' dan il-proċess. In-negozjati se jqisu aspetti ta' żvilupp sostenibbli fuq il-bażi tal-Valutazzjonijiet ta' l-Impatt tas-Sostenibbiltà.

- L-implimentazzjoni ta' l-EPAs se tkun appoġġjata b'kooperazzjoni ta' żvilupp, l-aktar billi jissaħħu l-kapaċità tal-provvista u l-kompetittività. F'dan il-kuntest, l-UE se tissorvelja t-twettiq ta' l-għajnuna relatata ma' l-EPA. Permezz ta' l-EPAs se jitwettqu riformi f'oqsma ewlenin bħalma huma l-investiment, it-tħaffif doganali u kummerċjali, it-taxxi, ix-xogħol, kif ukoll il-politika soċjali u ambjentali.

- L-UE hija lesta li matul in-negozjati ta' l-EPA tindirizza l-agrikoltura bħala qasam ewlieni. L-aċċess għall-prodotti agrikoli ta' l-ACP lejn is-suq ta' l-UE se jkun parti minn dawn it-taħdidiet. L-UE pproponiet li l-ftuħ tas-suq ta' l-ACP se jkun wieħed progessiv u mhux simetriku. Se jingħataw perijodi ta' transizzjoni biżżejjed li jistgħu jkunu itwal minn għaxar snin; dan jiddependi mill-ħtiġiet ta' l-iżvilupp ta' l-ACP. Barra minn hekk, se tkun garantita l-flessibilità billi jiddaħħlu klawsoli xierqa ta' salvagwardja u sigurtà ta' l-ikel.

- L-UE waslet biex tikkonkludi r-reviżjoni tal-preferenzi tat-tariffi li hi tagħti taħt is-Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi (GSP) fuq bażi awtonoma. Il-GSP l-ġdida għall-2005-2008 se tolqot lill-pajjiżi li huma l-aktar fil-bżonn u din se tkun eħfef, aktar trasparenti u aktar stabbli. Barra minn hekk, din se tipprovdi preferenzi oħra ta' tariffi biex tinkoraġġixxi żvilupp sostenibbli u kontroll tajjeb. L-UE qed teżamina wkoll il-possibbiltà ta' tħaffif u laxkar xieraq tar-regoli ta' l-oriġini li jkunu applikati fir-reġimi tal-kummerċ preferenzjali tagħha ħalli jkunu ta' mira aħjar għall-ħtiġiet u l-limitazzjonijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

- Biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ħalli dawn jaħtfu opportuniatjiet imtejba ta' kummerċ, l-UE se tkompli taħdem biex tintegra l-kummerċ fl-istrateġiji ta' l-iżvilupp tagħha, u se tkompli tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iwettqu r-riformi lokali u strutturali meħtieġa ħalli jkunu indirizzati l-limitazzjonijiet relatati mal-provvista kif ukoll l-ispejjeż ta' l-aġġustament.

## 3.2. L-Ambjent

Huwa ġeneralment magħruf li d-dinja hija 'l bogħod li tkun fit-triq tal-MDG7, li għandu l-għan li jiżgura sostenibbiltà ambjentali. Jeħtieġ isir ferm aktar biex jitqiesu l-problemi ambjentali, jekk l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju, inkluż il-MDG7, iridu jintlaħqu.

### *3.2.1 Konsum u produzzjoni sostenibbli*

| |
|---|
| L-UE se tmexxi l-isforzi globali biex jitrażżnu xejriet ta' konsum u produzzjoni mhux sostenibbli. |

L-isfida għall-UE hija, l-ewwel u qabel kollox, li tindirizza l-impatt tax-xejriet tal-produzzjoni u l-konsum tagħha stess fuq l-ambjent globali (it-"timbru" ta' l-UE). It-tkabbir ekonomiku jeħtieġ jinfired mit-taħsir ambjentali. Fl-UE teżisti diġà taħlita wiesgħa ta' politika u strumenti biex jitmexxew 'il quddiem il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli; dawn jindirizzaw kemm il-provvista kif ukoll id-domanda.

- L-UE hija lesta li tiżviluppa qafas ta' programmi ta' għaxar snin fuq il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, globalment u lokalment. L-istrateġija tematika li ġejja fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali ukoll se tgħin għal dan l-oġġettiv.

- L-isforzi biex jitnaqqas it-timbru globali ta' l-UE għandhom ikunu ssuktati u msaħħa, speċjalment f'setturi fejn ix-xejriet ikunu sejrin lura.

### *3.2.2. Il-Ftehim Multilaterali dwar l-Ambjent (MEAs)*

| |
|---|
| L-UE se tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw il-MEAs, u se taħdem biex tassigura li l-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitqiesu sew matul in-negozjati tal-MEA. L-UE se tkompli tmexxi 'l quddiem inizjattivi u politika ambjentali favur il-fqar. |

Fil-kuntest tal-Ftehim Multilaterali dwar l-Ambjent, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw qed iwettqu obbligi importanti. L-UE qed tipprovdi riżorsi sostanzjali biex tgħin lil dawn il-pajjiżi ħalli jwettqu r-rabtiet tagħhom u jifhmu l-ħtieġa għall-MEAs biex, matul iż-żmien, jevolvu bħala pajjiżi li qed jiżviluppaw u jiksbu l-esperjenza u l-ħila meħtieġa ħalli jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom.

- Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma vulnerabbli l-iżjed għall-bdil fil-klima. L-isforzi globali biex titnaqqas il-bidla klimatika – ta' prijorità għall-UE – huma ta' ġid dirett għalihom. Il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif taħt il-Protokoll ta' Kjoto għandu jkun ta' ġid kbir għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba li dan iżid ir-riżorsi għal żvilupp sostenibbli.

- L-UE qed taspira li jkollha sehem ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (CBD) u f'dik tal-mira tas-*Summit* Dinji fuq l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) dwar il-bijodiversità. L-UE għandha ssaħħaħ l-iffinanzjar maħsub għall-bijodiversità kif ukoll miżuri li jpoġġu l-bijodiversità fuq quddiem fl-għajnuna għall-iżvilupp.

- Fil-qasam tas-sigurtà kimika, l-UE se tkompli tmexxi 'l quddiem mekkaniżmi li jkunu jħarsu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn sustanzi u skart perikoluż u li jneħħu minn ġod-dinja l-aktar sustanzi perikolużi magħmula mill-bniedem u li qed ikunu ta' ħsara l-aktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

*3.2.3. L-Inizjattivi ta' l-UE għal Żvilupp Sostenibbli*

- Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Kontroll u l-Kummerċ (FLEGT) imexxi 'l quddiem skema ta' liċenzjar biex ikun żgurat li l-injam kollu esportat lejn l-Ewropa jkun skond il-liġi, waqt li jinkoraġġixxi t-twettiq ta' riformi f'dawk il-pajjiżi li fihom isir il-qtugħ ta' siġar għall-injam.

- L-Inizjattiva ta' l-UE dwar l-Ilma u l-Faċilità ta' l-ACP-UE dwar l-Ilma (finanzjati taħt il-Fond għall-Iżvilupp Ewropew (EDF) bis-somma ta' 500 miljun Euro) huma kontribuzzjoni kbira biex jinkisbu l-miri tal-MDG u tal-WSSD għall-ilma u s-saħħa, fil-kuntest ta' avviċinament integrat biex ir-riżorsi ta' l-ilma jitmexxew fuq livell ta' baċin. Flimkien, dawn għandhom il-ħsieb li jżidu l-effiċjenza ta' l-għajnuna ta' l-UE u jtemmu l-vojt ta' l-iffinanzjar biex jintlaħqu dawn il-miri.

- L-Inizjattiva ta' l-UE dwar l-Enerġija u l-Faċilità ta' l-ACP-UE dwar l-Enerġija (proposti li jkunu ffinanzjati taħt il-EDF bis-somma ta' 250 miljun Euro) għandhom l-għan li jħaffu l-aċċess għal servizzi moderni ta' enerġija, bl-implimentazzjoni tar-rabtiet tal-WSSD li stabbilew ir-rabta bejn l-enerġija u li jintlaħqu l-MDGs. L-UE tappoġġja wkoll il-Koalizzjoni ta' Johannesburg dwar l-Enerġija li Tiġġedded, pjattaforma għall-kooperazzjoni politika dwar l-enerġija li tiġġedded.

## 3.3. Is-Sigurtà

*3.3.1. L-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea*

| |
|---|
| L-UE se tqis is-sigurtà u l-iżvilupp bħala aġendi komplementari, bil-ħsieb komuni li toħloq ambjent tajjeb u li tkisser iċ-ċirku vizzjuż tal-faqar, il-gwerra, it-taħsir ambjentali u ekonomiji u strutturi soċjali u politiċi li jfallu. |

L-Istrateġija tas-Sigurtà Ewropea, adottata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2003, targumenta li għandu jkun hemm avviċnament integrat għall-prevenzjoni ta' kunflitt u t-tmexxija ta' kriżi, kif ukoll għal theddid ieħor għas-sigurtà. L-ebda wieħed minn dan it-theddid ġdid mhu purament militari, u kull wieħed jeħtieġ jitqies bl-użu ta' taħlit ta' strumenti ċivili u militari.

- L-UE se ssaħħaħ l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva ta' l-azzjoni barranija ta' l-UE/KE fil-qasam tas-sigurtà u l-iżvilupp billi tmexxi 'l quddiem politika imtegrata u taħlita ta' strumenti.

- L-UE se tibbilanċja reazzjonijiet ta' perjodu qasir għall-kriżijiet ma' strateġiji ta' perjodu itwal, mingħajr ma toħloq ġerarkija ta' oqsma ta' politika. Waqt li tkun qed issaħħaħ id-dimensjoni politika tas-sħubija tagħha, l-UE se tfittex li tevita li jkun hemm kundizzjonalità politika miżjuda u/jew xi devjazzjoni tar-riżorsi ta' l-iżvilupp mill-għan ewlieni ta' l-iżvilupp biex jinqered il-faqar.

- L-UE għandha l-ħsieb li tesporta l-istabbiltà u s-sigurtà lejn pajjiżi oħra, waqt li fl-istess ħin tissalvagwardja l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet individwali.

*3.3.2. Il-Kontroll, il-fraġilità ta' l-istat, il-prevenzjoni ta' kunflitt*

| |
|---|
| L-UE se ssaħħaħ il-politika tagħha biex tappoġġja kontroll tajjeb u effettiv u biex ikunu evitati l-kunflitt u l-fraġilità ta' l-istat, inkluż billi tissaħħaħ ir-reazzjoni tagħha għal sħubiji diffiċli/stati li qed ifallu. |

Matul dawn l-aħħar snin, in-numru ta' stati li jistgħu jiġu klassifikati bħala sħubiji diffiċli, stati li qed ifallu jew fraġli żdied sostanzjalment. Dan jirrappreżenta sfida kbira għall-komunità internazzjonali. Il-MDGs mhux se jinkisbu mingħajr progress f'dawn il-pajjiżi, li jammontaw għal madwar 30 % tal-popolazzjoni li tgħix b'inqas minn dollaru kuljum[8].

- L-UE se tikkontribwixxi fit-titjib tal-kontroll, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità transnazzjonali organizzata u fil-prevenzjoni ta' fraġilità ta' l-istat u kunflitt. Din għandha l-ħsieb ukoll li żżid il-konsistenza fid-definizzjoni tal-politika tagħha dwar postijiet ta' kenn finanzjarji u fiskali ta' kooperattiva u mhux ta' kooperattiva[9].

- L-UE se tappoġġja u ssaħħaħ is-sistemi ta' twissija bikrija tagħha u l-bini tal-ħila istituzzjonali tal-pajjiżi msieħba u organizzazzjonijiet reġjonali biex dawn ikunu jistgħu jevitaw b'mod effettiv il-fraġilità ta' l-istat u l-kunflitt. Barra minn hekk, l-UE se taħdem biex ikun hemm analiżi mtejba dwar il-fraġilità ta' l-istat, is-sorveljanza konġunta u l-valutazzjonijiet ta' sħubiji diffiċli/stati li jfallu.

- L-UE tikkunsidra li d-djalogu bejn il-kulturi u l-popli huwa komponent essenzjali ta' l-istrateġija globali lejn koeżistenza paċifika, u għalhekk lejn l-iżvilupp. L-UE għandha l-ħsieb li tiżviluppa jew issaħħaħ djalogu bejn kulturi differenti fi, bejn u mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qafas tas-sħubiji li jeżistu diġà.

- L-UE se tikkontribwixxi b'mod attiv biex tassigura li n-nisa jkunu involuti b'mod sħiħ fir-riżoluzzjoni ta' kunflitt u fil-bini tal-paċi.

*3.3.3. Il-Kummerċ ta' l-armi, in-non-proliferazzjoni ta' l-armi u d-diżarm konvenzjonali*

| |
|---|
| L-UE se ssaħħaħ il-kontroll ta' l-esportazzjoni tagħha ta' l-armi, biex ikun evitat li l-armi li jinħadmu fl-Ewropa jintużaw kontra popli ċivili jew biex jaggravaw it-tensjonijiet jew il-kunflitti li jkunu jeżistu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. |

L-UE se tkompli tkun waħda mill-manifatturi u esportaturi ewleninin ta' l-armi fid-dinja. Dan iqajjem punti ċari fuq il-koerenza tal-politika, l-aktar għaliex ħafna minn dawn l-armi fil-fatt jintużaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE għalhekk se ssaħħaħ il-mekkaniżmi mfassla biex ikun kontrollat it-trasferiment ta' l-armi.

- L-UE se tikkontribwixxi b'mod effettiv għan-non-proliferazzjoni ta' l-armi, waqt li tiffoka b'mod speċifiku fuq Armi Żgħar u Ħfief (SALW), Splussivi għal Kontra n-Nies (APL) u Fdalijiet ta' Splussivi tal-Gwerra (ERW). Dawn l-armi jistgħu jipperpetwaw kriżijiet umanitarji, jheddu proċessi ta' paċi, iżidu l-kriminalità u t-terroriżmu, ipoġġu f'periklu s-

8 'Għaliex jeħtieġ naħdmu b'mod aktar effettiv fi stati fraġli', DFID, Jannar 2005
9 Ara il-Komunikazzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Prassi Ħażina Korporattiva u Finanzjarja [COM(2004)611 finali tas-27.09.2004]

sigurtà nazzjonali u reġjonali, jheddu programmi ta' prevenzjoni ta' kunflitti u jaffettwaw b'mod negattiv ir-riabilitazzjoni soċjali u ekonomika kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli.

- F'dan l-isfond, l-UE għandha ssaħħaħ ir-regoli u l-kontroll ta' l-esportazzjonijiet fiżiċi, il-produzzjoni barranija liċenzjata, is-senserija, il-proċess ta' ġarr u t-trasbord ta' l-armi. Din se żżid l-isforzi tagħha bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tan-NU fuq is-SALW; hija għandha tqis ukoll li tagħmel il-Kodiċi ta' Imġieba Ewropew fuq it-Trasferiment ta' l-Armi bħala strument legali li jorbot, kif ukoll tappoġġja n-negozjati fuq it-Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerċ ta' l-Armi.

- L-UE se żżid l-appoġġ tagħha għad-diżarm konvenzjonali permezz ta' sensiela wiesa' ta' miżuri (il-bini tal-ħila lokali, il-ġbir u l-qerda ta' l-armi, il-programmi ta' kooperazzjoni dwar il-kontrolli fuq il-fruntiera u minn-naħa għall-oħra tal-fruntiera, eċċ.), li għandhom ikunu kemm immirati speċifikament kif ukoll integrati fil-prevenzjoni ta' kunflitt, fit-tmexxija ta' kriżi, fil-bini mill-ġdid wara li jkun seħħ xi kunflitt kif ukoll fl-istabbilizzazzjoni tul perjodu twil u fl-iżvilupp.

## 3.4. L-Agrikoltura

F'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-agrikoltura huwa qasam ewlieni għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll għas-sigurtà ta' l-ikel. L-UE tappoġġja l-iżvilupp ta' l-agrikoltura u ż-żoni rurali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar il-merkanzija agrikola. Il-Kummissjoni tagħraf ukoll li l-politika u r-regoli internazzjonali u ta' l-UE, bħalma huma l-Politika Agrikola Komuni, id-dixxiplini ta' l-għajnuna ta' l-ikel, u l-istandards sanitarji u fitosanitarji, għandu jkollhom rwol pożittiv biex jinħoloq ambjent internazzjonali li jappoġġja l-agrikoltura u ż-żoni rurali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. It-titjib tal-koerenza politika għall-iżvilupp għandu wkoll dimensjonijiet usa' fejn għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet bħas-sigurtà fl-ikel, l-iżvilupp rurali, l-użu ta' l-art, l-aċċess għall-art jew l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Dawn għandhom jiġu indirizzati b'mod koerenti, koordinat u globali.

L-UE se tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas il-livell ta' tagħwiġ kummerċjali għall-miżuri tagħha li jappoġġjaw il-qasam agrikolu, u biex tħaffef l-iżvilupp agrikolu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

### *3.4.1. Il-Politika Agrikola Komuni*

Ir-riformi tal-Politika Agrikola Komuni (CAP) miftiehma fl-2003 u l-2004, huma ta' kontribuzzjoni kbira biex jitnaqqsu l-effetti tat-tagħwiġ kummerċjali fejn jidħol l-appoġġ ta' l-UE għall-agrikoltura u biex jissaħħu effetti soċjali u ambjentali pożittivi. Biex jinżamm il-progress f'dik id-direzzjoni u f'rabta mal-problemi ta' l-iżvilupp:

- Il-KE se tlesti r-riforma tal-CAP, l-aktar fis-settur taz-zokkor, biex tinkiseb, fuq livell lokali, implimentazzjoni ta' riforma fis-settur kollu, kif ukoll biex titjieb il-koerenza tal-CAP ma' l-aġenda ta' l-iżvilupp ta' Doha. L-UE se timplimenta Pjan ta' Azzjoni b'miżuri mehmuża għall-Protokoll taz-Zokkor tal-pajjiżi ta' l-ACP, li għandu l-ħsieb jappoġġja dawn il-pajjiżi biex dawn jadattaw ir-riforma tar-reġim taz-zokkor ta' l-UE.

- Skond il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg, il-CAP qed tkun adattata dejjem iżjed għall-għanijiet ta' sostenibbiltà. L-għanijiet tal-CAP jinkludu għajnuna biex jintlaħaq ir-rwol multifunzjonali tagħha fis-soċjetà: li jiġi prodott ikel tajjeb u bnin, li tgħin għall-

iżvilupp sostenibbli ta' l-inħawi rurali, u li tħares u ssaħħaħ l-istat ta' l-ambjent ikkoltivat u l-bijodiversità tiegħu.

- Il-miżuri kollha tal-CAP huma evalwati b'mod regolari fuq il-bażi ta' pjan li dejjem idur u l-proposti ta' riforma CAP huma soġġetti għal valutazzjonijiet estensivi dwar l-impatt. Il-Kummissjoni hija marbuta wkoll li tistabbilixxi sistema ta' sorveljanza tar-riforma politika fil-qasam tal-qoton, biex tistħarreġ l-impatt ta' din fuq il-produzzjoni u l-kummerċ, b'rapport li għandu jsir fl-2009.

- Fil-kuntest tar-rabtiet tad-DDA fuq it-tneħħija parallela tal-forom kollha ta' sussidji għall-esportazzjoni, il-KE qed tikkontempla t-tneħħija tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq il-prodotti agrikoli u ta' l-ikel.

*3.4.2. L-Għajnuna għall-Ikel*

L-UE temmen li l-għajnuna għall-ikel m'għandhiex tintuża bħala għodda biex wieħed jeħles minn prodotti agrikoli żejda, bir-riżultat li jmorru lura l-produzzjoni lokali u t-transazzjonijiet kummerċjali normali. Dan huwa rifless b'mod sħiħ fil-politika tagħha dwar l-għajnuna għall-ikel, liema politika għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp agrikolu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tmexxi 'l quddiem il-kummerċ reġjonali u li ssolvi kriżijiet ta' l-ikel mingħajr ma jkun hemm interruzzjonijiet fis-swieq.

- Biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-iżvilupp u biex il-politika ta' l-iżvilupp ssir aktar effiċjenti, l-UE hija favur li twaqqaf id-dixxiplini tal-WTO fuq l-għajnuna għall-ikel. Din irnexxielha tinkludi dixxiplini fuq l-għajnuna għall-ikel bħala suġġett għad-diskussjoni fid-DDA (il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni).

- L-UE rnexxielha wkoll tiftaħ in-negozjati mill-ġdid tal-Konvenzjoni ta' l-Għajnuna għall-Ikel, biex tiddefinixxi rabtiet ċari u koerenti min-naħa tal-membri tagħha. L-UE se tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tassigura li l-Ftehim il-ġdid ikun fih "kodiċi ta' mġiba" fuq il-politika dwar l-għajnuna għall-ikel, li għandu jinkludi prattika b'aspetti benefiċjarji fejn għandhom x'jaqsmu l-għanijiet ta' l-iżvilupp.

*3.4.3. Miżuri sanitarji u fitosanitarji*

L-UE qed tfittex li tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tal-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji tagħha (SPS) fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ma jkunx hemm ostakli mhux meħtieġa għall-esportazzjonijiet agrikoli u tas-sajd (inklużi prodotti pproċessati) tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-aktar il-LDCs.

- Jekk ir-riżorsi jkunu disponibbli, il-Kummissjoni se tassigura valutazzjoni sistematika ta' l-impatt tal-miżuri SPS tagħha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din, imbagħad, tintuża biex ikunu identifikati b'mod attiv miżuri jew azzjonijiet xierqa mmirati lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

- Minħabba li l-ikel u l-prodotti ta' l-ikel jistgħu jmorru, u minħabba r-riġidità tal-provvista f'perjodu qasir, għandha tkun żviluppata faċilità ta' intervent mgħaġġel biex jilqa' għall-problemi SPS, waqt li għandhom ikunu identifikati riżorsi xierqa.

### 3.5. Is-Sajd

| |
|---|
| Il-KE se tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-għanijiet ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi li magħhom il-Komunità se tidħol fi ftehim bilaterali dwar is-sajd. Fil-kuntest tal-politika l-ġdida tal-KE fuq il-ftehim ta' sħubija dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi, li ilu implimentat mill-2003, il-KE se tkompli tinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' ftehim dwar is-sajd biex tkun tista' tikkontribwixxi għall-esplojtazzjoni raġonevoli u sostenibbli tar-riżorsi żejda tal-baħar ta' l-Istati li qegħdin mal-kosta għall-ġid reċiproku taż-żewġ partijiet. |

L-KE bdiet timplimenta politika ġdida lejn sħubija mal-pajjiżi terzi fil-qasam ta' arranġamenti ta' ftehim dwar is-sajd mill-2003. Fuq dan l-isfond l-UE timpenja ruħha li twettaq dawn l-azzjonijiet:

- Skond ir-riforma ta' l-2002 fuq il-Politika Komuni dwar is-Sajd (CFP), il-KE se tbiddel b'mod progressiv il-ftehim ta' aċċess għas-sajd ta' qabel fi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs)[10]. Il-ftehim ta' aċċess kollha dwar is-sajd, li jinvolvu l-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lil pajjiżi terz, se jinbidlu fi ftehim ta' sħubija sa mhux aktar tard mill-2008.

- Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd se jkomplu jitwaqqfu bil-ħsieb li titmexxa 'l quddiem b'mod effettiv l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-pajjiżi msieħba. Fin-negozjati tal-FPAs, il-KE u l-pajjiż terz ikkonċernat għandhom ifittxu li jassiguraw li livell ambizzjuż ta' sforzi jkun iddedikat mill-pajjiż ikkonċernat biex imexxi 'l quddiem l-esplojtazzjoni raġonevoli u sostenibbli tar-riżorsi tiegħu u biex itejjeb il-politika interna tiegħu dwar is-sajd. Il-KE se ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politika ta' żvilupp u l-arranġamenti ta' ftehim dwar sħubija fis-sajd biex isir titjib fit-treġġija tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra ta' pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni ta' politika sostenibbli tas-sajd.

- Il-KE se tniedi Pjan ta' Azzjoni biex ittejjeb il-kwalità u d-disponibilità ta' parir xjentifiku fuq il-ħażniet tas-sajd fl-ilmijiet tal-pajjiżi mhux ta' l-UE sa mhux aktar tard mill-2006. Id-data mtejba dwar il-ħażniet għandha tintuża bħala bażi għan-negozjati futuri tal-FPA.

- Jekk il-Kunsill tal-Ministri jiddeċiedi hekk, it-trattament bilaterali korrenti ta' l-FPA jista' jiġi kkumplimentat, fejn ikun xieraq, bi trattament reġjonali.

- Il-KE, fil-kuntest tal-WTO, se tara li tasal fi ftehim dwar reġim multilaterali u bbilanċjat ta' sussidji għas-sajd.

### 3.6. Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, il-promozzjoni tax-xogħol u x-xogħol deċenti

| |
|---|
| L-UE se tgħin biex issaħħaħ id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni biex tassigura l-ogħla benefiċċji għal kulħadd, kemm irġiel u kemm nisa. L-UE se tmexxi 'l quddiem, bħala għan globali, ix-xogħol u x-xogħol deċenti għal kulħadd. |

Ir-Rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni sejjaħ għal globalizzazzjoni ġusta, li ġġib il-ġid għal kulħadd.[11] Dwar din il-kwistjoni, il-

[10] Skond il-Konklużjoni tal-Kunsill ta' Lulju 2004.
[11] Ir-Rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni, Frar 2004.

Kummissjoni kienet adottat Komunikazzjoni[12] f'Mejju ta' l-2004. L-UE hija lesta li timmobilizza l-politika kollha tagħha, inklużi l-politika u l-istrumenti tagħha dwar il-kummerċ, l-iżvilupp u r-relazzjonijiet barranin, biex tkun tista' tindirizza aħjar l-isfida tal-globalizzazzjoni. L-UE se tikkoopera għal dan il-għan ma' l-awtoritajiet nazzjonali u l-imsieħba soċjali.

- L-UE se tmexxi 'l quddiem sforzi biex tassigura li jkun hemm koerenza fil-politika bejn l-istituzzjonijiet internazzjonali u d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-WTO, l-istituzzjonijiet tal-Bretton Woods u l-ILO.

- L-UE se tippromwovi l-iżvilupp ta' trattament pro-attiv kif wieħed iħares biex tkun tista' tindirizza il-konsegwenzi soċjali ta' l-aġġustamenti u r-ristrutturar marbut mal-globalizzazzjoni, inkluż b'kooperazzjoni ma' l-ILO dwar l-impatt tal-politika kummerċjali fuq ix-xogħol u l-kwistjonijiet soċjali.

- L-UE tappoġġja l-inkorporazzjoni tax-xogħol u ta' punti dwar xogħol deċenti[13], l-aktar għaż-żgħażagħ, fir-reviżjoni li ġejja tal-MDGs u tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju. Għal dan il-għan, l-UE se tikkoopera l-aktar man-NU, ma' l-ILO u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

- L-UE se tappoġġja inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni ta' xogħol produttiv, l-investiment fir-riżorsi umani, il-mekkaniżmi ta' distribuzzjoni mill-ġdid, il-ħarsien soċjali, l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi, id-djalogu soċjali u l-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet fuq il-post tax-xogħol. Dan jista' jinvolvi inizjattivi ta' taħriġ u ta' volontarjat għaż-żgħażagħ biex dawn ikunu jistgħu jiksbu aktar awtonomija, esperjenzi ġodda u eventwalment ikunu jistgħu jikkwalifikaw għall-impjiegi.

- L-UE għandha tinkoraġġixxi kontroll tajjeb fl-oqsma finanzjarji, fiskali u ġudizzjarji.

- L-UE se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-Kummerċ Ġust, bħala strument għal żvilupp sostenibbli u għat-tnaqqis fil-faqar.

- L-UE se tkompli tnexxi 'l quddiem l-istrateġija Ewropea dwar ir-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji (CSR)[14] bħala kontribuzzjoni rilevanti għan-negozju biex ikun hemm żvilupp sostenibbli u jitnaqqas il-faqar. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ikun hemm definizzjoni aħjar dwar id-dimensjoni ta' l-iżvilupp tal-CSR, dwar (a) l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ambjentali u soċjali internazzjonali ewlenin, (b) il-katina ta' provvista fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u (ċ) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati li mhumiex ta' l-UE.

---

[12] Komunikazzjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni, COM (2004)383, Mejju 2004. Ir-rapport tal-Kummissjoni Dinjija u l-Komunikazzjoni kienu milqugħa mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004 u mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali ta' Marzu 2005.

[13] Il-kunċett ta' xogħol deċenti jinkludi l-promozzjoni tax-xogħol (produttiv), il-ħarsien soċjali, id-drittijiet fuq ix-xogħol (inklużi l-Istandards Ewlenin tax-Xogħol) u t-tisħiħ tad-djalogu soċjali billi jkunu appoġġjati, per eżempju, inizjattivi ta' bini ta' ħila għall-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-ħaddiema.

[14] COM(2002), 347

- Biex imexxu 'l quddiem il-CSR, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaraw li jagħmlu l-aċċess għall-akkwist pubbliku jiddependi kemm fuq il-konsistenza u kemm fuq il-konformità mal-linji ta' gwida ta' l-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali.

### 3.7. It-tluq minn post għall-ieħor

L-UE se tmexxi 'l quddiem is-sinerġiji bejn it-tluq minn post għall-ieħor u l-iżvilupp, biex iċ-ċaqliq ta' persuni minn post għall-ieħor ikun fattur pożittiv għall-iżvilupp.

L-UE se tkompli tkattar il-mod pożittiv kif tħares lejn it-tluq minn post għall-ieħor u r-rabta ta' l-iżvilupp, fejn din se tkompli tibni fuq il-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni fuq it-tluq minn post għall-ieħor u l-Iżvilupp ta' Diċembru ta' l-2002[15]. Se jkun hemm proposti oħra dwar dan il-qasam f'Komunikazzjoni li għandha tiġi ppreżentata aktar tard din is-sena. Dawn se jirrikorru għall-aħjar prattiċi u għandhom jindirizzaw l-aktar il-punti li ġejjin:

- L-UE se tmexxi 'l quddiem it-tluq minn post għall-ieħor internazzjonali ta' ħaddiema kontrollata tajjeb, bl-iżvilupp ta' politika ta' l-UE dwar it-tluq minn post għall-ieħor ekonomika.[16]

- L-UE għandha tfittex li tippromwovi – flimkien ma' l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji internazzjonali rilevanti – metodi rħas u tajbin għall-ammonti ta' flus mibgħuta b'mod privat ta' tluq minn post għall-ieħor, u għandha tfittex ukoll mekkaniżmi biex jinħolqu opportunitajiet għal dawn l-andamenti finanzjarji privati biex jaġixxu bħala katalista għall-investimenti orjentati lejn l-iżvilupp.

- L-UE se telabora aktar – flimkien ma' l-organizzazzjonijiet u ma' l-aġenziji internazzjonali rilevanti – kif iddawwar 'it-telf ta' l-imħuħ' fi 'ksib ta' l-imħuħ'[17]. Bħala parti minn dan it-trattament, se tinkoraġġixxi lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-partijiet interessati rilevanti biex iżommu lura mir-'reklutaġġ attiv' f'oqsma li huma ewlenin għas-soċjetajiet u għall-iżvilupp ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk mediċi u tar-riċerka, f'reġjuni b'nuqqas ta' servizzi f'dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li qed ibatu minn nuqqasijiet kbar.

- L-UE se tfittex dawk il-possibbiltajiet biex tappoġġja u ssaħħaħ l-isforzi tal-komunitajiet lil hinn mill-fruntieri nazzjonali biex tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom, kif ukoll it-tkattir ta' tluq minn post għall-ieħor b'mod ċirkolari (eż. Permezz ta' politika ta' visa xierqa).

- L-UE se tesplora metodi kif issaħħaħ l-impatt ta' l-iżvilupp ta' tluq minn pajjiż fin-Nofsinhar għall-ieħor, inkluż bl-għajnuna tagħha ta' l-iżvilupp.

### 3.8 Ir-riċerka u l-innovazzjoni

L-UE se tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-iżvilupp, fejn ikun xieraq, fil-politika tagħha tar-RTD u ta' l-Innovazzjoni, u se tkompli tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex isaħħu l-ħiliet lokali tagħhom f'dan il-qasam.

---

15 COM(2002), 703

16 *Green Paper* fuq il-metodu ta' l-UE biex jitmexxa ċ-ċaqliq ekonomiku minn post għall-ieħor. COM(2004)811.

17 Eżempji jinkludu l-Programm Strutturali tal-Komunità għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku li joffri diversi skemi ta' mobilità internazzjonali li jqisu din l-isfida.

L-innovazzjoni hija l-mutur ewlieni tal-benesseri mtejjeb tal-bniedem. It-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa proċess intensiv ta' konoxxenza li jgawdi mill-appoġġ tar-riċerka. L-UE tappoġġja r-riċerka fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, permezz tal-Programm Strutturali tagħha għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku. F'dan il-kuntest:

- L-UE se tikkollabora mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex dawn ikunu jistgħu (a) imexxu 'l quddiem ix-xjenza u t-teknoloġija, u r-rwol ta' l-intrapriżi żgħar u medji f'dan it-tentattiv; (b) itejbu l-infrastruttura tar-riċerka, ta' l-edukazzjoni teknoloġika u ta' l-edukazzjoni post-sekondarja tagħhom, u (ċ) jidentifikaw riżorsi għall-edukazzjoni post-sekondarja għaż-żgħażagħ, speċjalment it-tfajliet.
- L-UE se tkompli tibni l-Qasam tar-Riċerka Ewropea u ssaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tagħha biex taqdi l-prijoritajiet ta' l-iżvilupp. L-UE se tkompli tappoġġja r-riċerka konġunta fuq il-problemi ta' prijorità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Id-diversi proġetti marbutin mal-MDG u ffinanzjati permezz tal-Programm Strutturali tar-Riċerka ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Komunità, kif ukoll tentattivi oħrajn marbuta mar-riċerka (eż. Il-komponent tar-riċerka ta' l-Inizjattiva ta' l-UE dwar l-Ilma), għandhom l-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni, li jiżviluppaw sħubiji ġodda u li jżidu l-impatt ta' azzjonijiet intensivi ta' konoxxenza, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk tal-ġejjieni, waqt li jipprovdu tisħiħ xjentifiku għal sfidi ġodda.
- L-UE se tinkoraġġixxi, fejn ikun xieraq, l-integrazzjoni ta' punti ta' żvilupp fid-diversi Pjattaformi u Sħubiji ta' Teknoloġija (xjenza marbuta mat-tkabbir tas-siġar fil-foresti, bijoteknoloġiji, provvista ta' l-ilma u s-saħħa, riċerka dwar is-saħħa, eċċ.) bil-ħsieb li jiżdied il-ġid reċiproku għall-Ewropa u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif kien inbeda permezz tas-Sħubija Ewropea u tal-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw dwar Provi Kliniċi (EDCTP) u l-Pjattaforma ta' Teknoloġija Globali dwar is-Saħħa ta' l-Annimali.
- L-UE se tappoġġja inizjattivi biex ittejjeb l-aċċess għal, u l-użu ta' data dwar l-osservazzjoni ta' l-art biex jissaħħaħ l-ippjanar u biex dawk li jagħmlu l-politika dwar l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu mgħarrfa sew. F'dan il-kuntest, l-inkorporazzjoni ta' l-Istati Afrikani fil-GEOSS se tgawdi direttament mill-politika ta' l-iżvilupp tagħhom.
- L-UE se tappoġġja l-bini ta' ħila fuq livell lokali u reġjonali permezz ta' riċerka integrata, attivitajiet ta' dimostrazzjoni u taħriġ li jinvolvu l-partijiet interessati rilevanti li jkunu ġejjin mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u minn dawk żviluppati, l-aktar fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn in-NU-HABITAT u l-Kummissjoni Ewropea.

### 3.9. Is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni

| |
|---|
| L-UE se tindirizza l-qasma diġitali billi tesplora l-potenzjal ta' l-ICTs bħala strument ta' żvilupp u bħala riżors sostanzjali biex jinkisbu l-MDGs. |

It-Teknoloġiji ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICTs) issibhom fis-setturi soċjo-ekonomiċi kollha. L-ICTs jgħinu biex ikun hemm twettiq aktar effiċjenti ta' servizzi pubbliċi. Dawn ikattru t-tkabbir ekonomiku, isaħħu kontroll tajjeb u jkollhom parti importanti fil-promozzjoni ta' għanijiet ta' interess pubbliku, bħalma hija d-diversità kulturali. Fil-kuntest tal-politika tagħha dwar l-ICT, l-UE se terfa r-responsabbiltà biex twettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

- L-UE se tipprovdi għajnuna teknika fil-qasam regolatorju billi tmexxi 'l quddiem il-bini ta' kapaċità, tappoġġja l-armonizzazzjoni regolatorja reġjonali, twaqqaf djalogu fuq strateġiji elettroniċi u billi tagħmel skambju ta' l-aħjar prattika u punti ta' referenza, inkluż bit-twaqqif ta' netwerks tal-partijiet interessati.

- Biex tmexxi 'l quddiem b'mod effettiv l-aċċess universali għall-ICTs, l-aktar fir-reġjun fin-Nofsinhar tas-Saħara ta' l-Afrika, l-UE qed tikkunsidra li tappoġġja strateġiji nazzjonali li jżidu r-riżorsi tas-settur pubbliku ma' l-investimenti tas-settur privat. Fil-kuntest ta' dawn l-istrateġiji, l-UE se tmexxi 'l quddiem ukoll applikazzjonijiet ta' l-ICT bħalma huma l-Inklużjoni elettronika, il-Gvern elettroniku, it-Tagħlim elettroniku, is-Saħħa elettronika u n-Negozju elettroniku.

- L-UE fetħet il-Programm Strutturali tagħha dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp biex fih jieħdu sehem il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll tat bidu għal proġetti marbuta mas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni. Dawn jippermettu li jkunu ppruvati proġetti pilota ġodda u biex ikunu jistgħu jiżdiedu l-aktar inizjattivi lokali ta' suċċess, waqt li titħaffef l-estensjoni ta' netwerks għall-edukazzjoni u r-riċerka.

### 3.10. It-Trasport

L-UE se tindirizza l-ħtiġiet speċjali kemm tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma mdawra b'pajjiżi oħra u kemm dawk li qegħdin mal-kosta billi tmexxi 'l quddiem punti fejn għandhom x'jaqsmu aktar minn mezz ta' trasport wieħed biex tinkiseb il-konnessjoni ta' netwerk ma' ieħor kif ukoll punti ta' saħħa u sigurtà.

L-UE se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għal sistemi ta' trasport b'aktar minn modali waħda sostenibbli li jkunu jsaħħu l-istrateġiji ta' l-integrazzjoni u l-kummerċ reġjonali, waqt li din tibni fuq il-prinċipji stabbiliti fil-Politika ta' l-Ewropa dwar it-Trasport għall-2010 u fil-Programm ta' Azzjoni Almaty ta' Awissu 2003. Permezz tal-politika tagħha dwar it-trasport, l-UE se tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-modi li ġejjin:

- L-UE se tkompli taħdem u tasserixxi l-influwenza tagħha f'organizzazzjonijiet internazzjonali (bħalma huma l-Organizzazzjonijiet Marittimi Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili) fejn jidħlu servizzi ta' trasport bl-ajru u bil-baħar li jkunu effettivi u effiċjenti, u f'ambjent b'saħħtu, tajjeb u nadif li jkun jappoġġja żvilupp sostenibbli u kummerċ reġjonali.

- L-UE se tibqa' tagħti l-appoġġ tagħha lill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol biex din tmexxi 'l quddiem kundizzjonijiet ġusti ta' xogħol għall-baħħara, inkluż fil-kuntest tal-Konvenzjoni konsolidata fuq l-Istandards tax-Xogħol fuq il-Baħar li għandha tiġi adottata kmieni fl-2006.

- L-UE se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sotto-reġjonali biex dawn jilqgħu għall-kwistjoni tat-tħaffif tat-trasport tal-ġarr minn post għall-ieħor.

- L-UE se tkompli bl-appoġġ tagħha biex ittejjeb is-sigurtà tal-katina loġistika internazzjonali, kif ukoll biex ittejjeb is-saħħa u s-sigurtà tat-trasport billi tmexxi 'l quddiem, fuq livell bilaterali u reġjonali, l-allinjament tal-liġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw mal-liġi internazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà marittima u ta' l-avjazzjoni.

- L-UE se tistħarreġ il-possibbilitajiet biex ikunu estiżi għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw il-benefiċċji tas-sistema Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita, Galileo.

### 3.11. L-Enerġija

L-UE hija marbuta b'mod sħiħ li tgħin fil-ħtiġiet speċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi tmexxi 'l quddiem l-aċċess għal sorsi ta' enerġija sostenibbli u billi tappoġġja t-twaqqif ta' konnessjoni bejn infrastrutturi u netwerks ta' enerġija.

L-aċċess sostenibbli, ta' kwalità għolja, ta' min jafdah u li wieħed ikun jiflaħ għalih għal sorsi ta' enerġija adegwati huwa essenzjali, kemm għal dawk li bħalissa m'għandhomx aċċess għal servizzi ta' enerġija, kif ukoll għaż-żjidiet fil-produttività tal-ġejjieni u l-iżvilupp ekonomiku meħtieġ biex jakkomoda t-tkabbir previst fil-popolazzjoni u fl-urbanizzazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Permezz tal-politika tagħha dwar l-enerġija, l-UE għandha tqis l-impenni li ġejjin:

- L-UE se tmexxi 'l quddiem appoġġ istituzzjonali, għajnuna teknika u netwerking biex tagħti lill-pajjiżi benefiċjarji l-kapaċità li jimplimentaw l-għażliet ta' l-enerġija tagħhom, eż. Bl-istrument ta' operazzjonijiet ta' ġemellaġġ, liema ħiliet ikunu jistgħu jsaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi u regolatorji ta' dawn il-pajjiżi jew/u mekkaniżmi ta' għajnuna teknika *ad hoc*.

- L-UE se tgħin fl-iżvilupp ta' qafas regolatorju xieraq u mekkaniżmi finanzjarji innovattivi biex tmexxi 'l quddiem investimenti f'teknoloġiji nodfa fil-kuntest ta' sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat.

- L-UE se ssaħħaħ it-tmexxija 'l quddiem ta' kooperazzjoni reġjonali biex tistabbilixxi l-konnessjoni bejn l-infrastrutturi ta' l-enerġija.

- L-UE se tmexxi 'l quddiem l-idea li l-enerġija tkun integrata bħala komponent ġenerali ta' l-istrateġiji ta' l-iżvilupp, inklużi l-karti ta' l-istrateġija għat-tnaqqis tal-faqar (PRSPs). Programmi u proġetti fil-qasam ta' l-enerġija għandhom jinkludu b'mod sistematiku l-għanijiet ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija.

## 4. L-IMPLIMENTAZZJONI U S-SORVELJANZA

F'Diċembru ta' l-2004, fil-kuntest biex jinkisbu l-MDGs, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal aktar tisħiħ fil-koerenza tal-politika għall-iżvilupp '*billi jsir użu usa' u aktar sistematiku tal-mekkaniżmi eżistenti għall-konsultazzjoni u tal-valutazzjoni ta' l-impatt u l-proċeduri biex tkun sorveljata l-politika rilevanti kollha fejn jidħol l-impatt tagħha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw*[18].

Bħala ssuktar għal din id-dikjarazzjoni, l-UE, *inter alia*, se tqis il-valutazzjoni eżistenti u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza applikati fil-Kummissjoni Ewropea, u se tikkunsidra li tespandi t-trattament ta' dawn – f'format adattat kif xieraq – għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew.

---

[18] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Diċembru 2004.

Fl-istess spirtu ta' tisħiħ tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, il-Kummissjoni se tikkunsidra metodi u mezzi biex issaħħaħ aktar l-istrumenti eżistenti tagħha, l-aktar l-istrument tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt tagħha. Il-Kummissjoni se tassigura li l-metodi tal-valutazzjoni tagħha ikunu sensittivi għas-sess, u għalhekk ikunu jkejlu l-impatt tal-politika kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel.

L-isfida biex titjieb is-sorveljanza ta' l-impatt għandha tkun indirizzata kemm fuq livell politiku kif ukoll fuq wieħed tekniku. Fil-qasam tal-kooperazzjoni ta' żvilupp hemm diversi arranġamenti ta' konsultazzjoni biex isaħħu l-iskambju ta' informazzjoni u l-analiżi ta' l-impatt kif ukoll biex isaħħu l-kooperazzjoni reċiproka bl-għan li titkattar il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp[19]. L-UE se tikkunsidra li ssaħħaħ u twessa' dawn l-esperjenzi, bil-ħsieb li tassigura li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp ssir l-affari mhux biss ta' dawk li jfasslu l-politika ta' l-iżvilupp, iżda wkoll ta' dawk li jfasslu l-politika f'oqsma politiċi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-iżvilupp.

Bħala mezz prattiku 'l quddiem, il-Kummissjoni tipproponi li tissorvelja l-progress fuq l-impenni tal-koerenza ta' l-UE fil-kuntest tal-MDGs.

**Ir-Rapport tal-Koerenza ta' l-UE għall-Iżvilupp**

Biex issaħħaħ aktar il-koerenza tal-politika ta' l-UE fil-kuntest speċifiku ta' appoġġ ta' l-MDGs, il-Kummissjoni se tikkompila Rapport ta' nofs is-sena dwar il-Koerenza tal-Politika ta' l-UE għall-Iżvilupp, bejn issa u ir-Reviżjoni MDG internazzjonali li jmiss, fejn issir reviżjoni tal-progress li jkun sar fuq l-impenni tal-koerenza proposti f'din il-Komunikazzjoni.

[19] Eżempji huma n-netwerk informali PCD ta' l-UE u l-arranġamenti ta' ħidma speċifiċi oħrajn bħalma huma n-netwerk ta' l-Agrikoltura, il-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-kollaborazzjoni fis-setturi fuq il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE fuq il-Merkanzija Agrikola.

## ANNESS 1 - AKRONIMI

| | |
|---|---|
| ACP | Ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku |
| CAP | Il-Politika Agrikola Komuni |
| CBD | Il-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika |
| CFP | Il-Politika Komuni dwar is-Sajd |
| DDA | L-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha |
| EC | Il-Komunità Ewropea |
| EDF | Il-Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew |
| EPAs | Ftehim ta' Sħubija Ekonomika |
| FLEGT | L-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Kontroll u l-Kummerċ |
| FPA | Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd |
| GAERC | Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Barranin |
| GATS | Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi, il-Kummerċ u s-Servizzi |
| GSP | Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi |
| ICTs | Teknoloġiji ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni |
| ILO | L-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol |
| LDCs | L-Inqas Pajjiżi Żviluppati |
| MDGs | L-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millennju |
| MEAs | Ftehim Multilaterali dwar l-Ambjent |
| OECD | L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku |
| PCD | Il-Koerenza tal-politika għall-iżvilupp |
| SALW | Armi Żgħar u Ħfief |
| SDT | Trattament Speċjali u Diffrenzjali |
| SPS | Sanitarji u Fito-sanitarji |
| TRA | Għajnuna relatata mal-Kummerċ |
| TRIPS | Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Internazzjonali |
| WSSD | Is-*Summit* Dinji fuq l-Iżvilupp Sostenibbli |